MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 21/2008

A

Vs

B

Il-Qorti;

Dan il-procediment jittratta kawza ta' firda personali. Il-kontendenti zzewwgu fit-3 ta' Mejju 2006, u minn dan iz-zwieg fit-13 ta' Frar 2007 twieled C. Fis-17 ta' April 2006 gie ppubblikat kuntratt fl-atti tan-nutar DD li bih il-partijiet ftehemu li jaghzlu *"...the regime of separation of estates as the patrimonial regime regulating their future marriage."*. L-attur qieghed jitlob li l-qorti:

1. Tiddikjara u tiddecidi li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba ragunijiet li huma mputabbli lill-konvenuta.

2. Tafda lill-attur bil-kura u kustodja tal-minuri.

3. Tiffissa retta alimentarja fix-xahar li l-konvenuta ghandha thallas kull xahar bhala manteniment ghal binha.

4. Tordna li l-konvenuta tiehu kunjom xbubitha u cioe' BB.

5. Tapplika kontra l-konveuta interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48-51 tal-Kodici Civili.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-2 ta' Ottubru 2008 (fol. 12) il-konvenuta ddikjarat:-

1. M'hijiex topponi t-talba ghal firda personali b'dan li r-ragunijiet huma imputabbli lill-attur biss.

2. Toggezzjona ghat-talba li tigi mgieghla tibdel kunjomha.

3. Ma tezisti l-ebda raguni ghalfejn il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata lill-attur; ghal kuntrarju tixtieq li l-hinijiet ta' access li tgawdi ghal binha C jizdiedu mill-hinijiet ferm limitati illi tgawdi bhalissa.

4. M'hijiex f'posizzjoni li thallas manteniment lil zewgha minhabba l-posizzjoni finanzjarja taghha.

5. Il-kontendenti m'ghandhom l-ebda proprjeta' komuni u ma hemmx lok ghal applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 51 tal-kodici Civili.

Rat l-atti kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. Il-kontendenti qeghdin jaqblu li:-

(a) Il-qorti tiddikjara li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minghajr ma tinghata xi htija lil xi parti;
(b) Il-konvenuta ma thallasx ghall-manteniment tal-minuri u dispost li jkomplu jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' ibnu diment li jkollu l-kura u kustodja tieghu;
(c) Hadd minnhom ma jitlob xi hlas ta' manteniment minghand il-parti l-ohra;

2. Tista' tghid li l-unika vertenza hi dwar il-minuri C li twieled fit-13 ta' Frar 2007. Il-konvenuta trid li l-kura u kustodja tkun konguntiva u li hi jkollha access ghal binha kull nhar ta' Tnejn mill-10.00 a.m. sal-4.00 p.m. u l-Hamis mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m. Bhalissa l-konvenuta ghandha access ghal binha kull nhar ta' Tnejn mill-10.00 a.m. sal-11.00 a.m. u l-Hamis mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m. Fis-seduta tal-13 ta' Novembru 2008 il-konvenuta spjegat li minhabba l-impenji ta' xoghol, ma kienx possibbli ghaliha li tqatta' iktar hin ma' binha. Min-naha l-ohra l-attur irid li jkollu l-kura u kustodja esklussiva ta' ibnu u li l-hinijiet ta' access jizdiedu gradwalment. Bhalissa l-minuri qieghed ighix ma' missieru u n-nanniet paterni tieghu. Irrizulta li l-attur jiddependi hafna fuq l-ghajnuna li taghtih ommu.

3. Wara li l-qorti semghet lil AS (*social worker*) tixhed fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2008 u rat l-atti tal-kawza, tqies li hu floku li l-kura u kustodja tal-minuri C tigi fdata lill-attur, u l-konvenuta jkollha dritt ta' access ghal binha kull nhar ta' **Tnejn mill-10.00 a.m. sal-4.00 p.m. u nhar ta' Hamis mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m.** Il-qorti ser tiffissa dawn il-granet u hinijiet fir-rigward ta' access minhabba li l-konvenuta stess iddikjarat li l-impenji ta' xoghol ma jippermettulix li tqatta' iktar hin ma' binha. Wara li l-qorti kellha l-oppotunita' tisma' lil AS (*social worker*), ma tqiesx li hemm htiega li z-zieda fil-hin ta' l-access isir

gradwalment[1]. Ser tordna wkoll li jibqa' jkun hemm *monitoring* min-naha tas-Sezzjoni ghall-Harsien tal-Familja. AS spjegat: *"ikun floku illi nibqghu naghmlu monitoring f'dan il-kaz u jiena diga' tkellimt mal-konvenuta f'dan ir-rigward u hi qaltli li ma ssib l-ebda problema. Nikkonferma illi min-naha tiegi m'ghandi l-ebda dubju dwar il-kapacitajiet tal-konvenuta bhala omm. Inhoss pero' illi ghandu jibqa' dan il-monitoring iktar minhabba r-relazzjoni ta' bejn l-omm u l-missier."*[2]. Il-qorti m'hijiex ser tordna li l-kustodja tkun kongunta ghaliex m'hijiex sodisfatta li bhalissa bejn il-kontendenti hemm dik il-komunikazzjoni u koperazzjoni li tnissel fiducja fil-qorti li ordni simili tkun tista' tiffunzjona fl-ahjar interess tal-minuri u minghajr kwistjonijiet bla bzonn. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-minuri ser ikun qieghed iqatta' biss ftit sighat ma' ommu. Min-naha l-ohra l-qorti ser tordna li fir-rigward ta' decizjonijiet li jridu jittiehdu fil-futur u li huma relatati ma' l-edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu flimkien bejn il-genituri in kwantu li tqies li bl-ghajnuna tas-Sezzjoni ghall-Harsien tal-Familja din l-ordni tkun tista' titwettaq fl-ahjar interess tal-minuri. Fl-ahharnett il-qorti tfakkar lill-partijiet li provvedimenti dwar il-minuri m'humiex definittivi.

4. Fir-rigward tar-raba' talba, l-attur ma ressaq l-ebda raguni li b'xi mod tista' tiggustifika t-talba tieghu sabiex il-qorti tordna lill-konvenuta biex ma tkomplix taghmel uzu mill-kunjom AA (Artikolu 62[2] tal-Kodici Civili).

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tiddikjara l-firda personali bejn l-attur u l-konvenuta minhabba ragunijiet kontemplati mil-ligi li waslu sabiex iz-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u m'huwiex possibbli li din il-koppja tkompli tghix flimkien. Il-qorti m'hijiex ser tiddikjara tort ta' min mill-partijiet sehhet din il-firda, in kwantu f'dan il-kuntest intlehaq ftehim bejniethom.

[1] *"Jiena m'ghandi l-ebda dubju li t-tifel meta jkun mal-konvenuta mhu se jkun taht ebda periklu. Hi turi sinjali ta' imhabba lejn binha u kapaci tiehu hsiebu."*.

[2] Seduta tat-13/11/2008.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C lill-attur b'dan li d-decizjonijiet dwar l-edukazzjoni ghandhom jittiehdu flimkien bejn il-kontendenti, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna tas-Sezzjoni ghall-Harsien tal-Familja. Il-konvenuta ghandha dritt ta' access ghal binha kull nhar ta' **Tnejn mill-10.00 a.m. sal-4.00 p.m. u nhar ta' Hamis mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m.** Tordna wkoll li s-Sezzjoni ghall-Harsien tal-Familja tibqa' taghmel *monitoring* fir-rigward tal-minuri, u f'dan ir-rigward jekk hemm xi spejjez ghandhom ikunu a karigu ta' l-attur.

3. Tichad it-tielet talba in kwantu l-attur iddikjara li ser jiehu hsieb tal-bzonnijiet kollha tal-minuri.

4. Tichad ir-raba' talba.

5. Tordna li l-partijiet ma jirtux lil xulxin u ma jmantnux lil xulxin in forza ta' l-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Tordna lir-Registratur tal-Qorti (Ghawdex) sabiex tibghat kopja ta' din is-sentenza lis-Sezzjoni Ghall-Harsien tal-Familja.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------